**Minuti tal-mitejn u tnejn u tmenin laqgħa tal-Kunsill Lokali Xagħra li saret fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill nhar il-Ħamis, 22 ta' Novembru, 2012, fil-5.30 p.m. Din hija wkoll l-għaxar laqgħa tas-sitt leġislatura ta' dan il-Kunsill.**

Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti-

| | |
|---|---|
| Sindku : | Is-Sur Joseph Cordina |
| Viċi Sindku : | Is-Sur Aaron Aġius |
| Kunsilliera : | Dr. Christian Żammit |
| | Is-Sur Victor Żammit |
| | Dr. Joseph Attard u |
| | Dr. Kevin Cutajar |
| Uffiċċjali | |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Mark Formosa |

Is-Sinjura Maria Grima kienet skużata u waslet fis-6:00pm

**QARI, KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

Il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-Laqgħa Numru 281 li saret nhar il-Tlieta, 30 ta' Ottubru, 2012, wara li saru l-korrezzjonijiet approvati.

**Punti mqajjma mill-Minuti**

Il-Kunsillier Dr. Kevin Cutajar staqsa jekk l-avviz tal-Greenpak li mhux ser isir ġbir ta skart tar-riċiklaġġ nhar il-Milied u l-ewwel tas-sena intbgħatx. Is-Sindku qal li għandu jintbagħat aktar qrib il-Milied ħalli dak li jkun ma jinsiex.

Il-Kunsillier Dr. Kevin Cutajar semma li għandna nilqgħu l-offerta ta Josephine Borg, mill-Uffiċju għal Konsumatur u tiġi organizzata taħdida fiċ-ċentru tal-anzjani. Is-Sindku qal li għandna inkellmu lil Mary Refalo li tieħu ħsib iċ-ċentru dwar dan.

Il-Viċi Sindku innota li l-arblu tat-tafla għadu ma trangax u li il-bozza ta' ħdejn il-MUSEUM tas-subien għada ma saretx. Is-Sindku qal li għandna nerġgħu infakkru lil Enemalta dwar dawn.

Is-Sindku semma il-proposta tas-Sur Joseph Sultana dwar l-attivita tat-Tieġ ta' Karmena Abdilla. Wara diskuzzjoni il-Kunsill qabel li għalkemm l-idea hija waħda tajba il-*budget* għandu jkun ta' €5,000.

**Komunikazzjoni tas-Sindku**

1. Is-Sindku beda billi informa lill-Kunsill li irċevejna *acknowledgement* li l-applikazzjoni għall-fondi tal-EU għall-proġett tal-bini taċ-ċentru ċiviku iddaħħlet

fil-ħin u li kienet mimlija kif suppost. Huwa qal li issa irridu nistennew li il-proġett jiġi aċċettat.

2. Is-Sindku informa lill-Kunsill li dwar measure 313 qedgħin nistennew li jiġu ippreparati id-dokumenti tat-tenders. Huwa issuġġerixxa li malli dawn ikunu lesti għandna nibagħatuhom biex nifrankaw il-ħin. Il-Kunsill qabel li nimxu b'dan il-mod.

3. Is-Sindku semma ukoll li dwar il-proġett tat-tisbieħ tal-Pjazza għandna nitolbu biex nużaw il-fondi tal-UIF. Il-Kunsill qabel li għandna nagħmlu dan.

4. Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien hemm xi żviluppi fuq *items* varji li għandhom x'jaqsmu mal-festi tal-Milied. Huwa informa lill-Kunsill li l-istima tas-Surmast għall-kunċert tal-Milied hi ta € 2,260. Bħala compère għadnu jiġi ikkuntatjat is-Sur Etienne Micallef u il-kunċert għandu jiġi ippromovat anke fuq ir-Radju Bambina. Il-Kunsill qabel li dan għandu isir.

   Dwar il-Presepju Ħaj huwa qal li din hi attivita tajba u li il-Kunsill għandu jgħin kemm jista' biex jippromovi u jirreklama din l-attivita'. Għandu jiġi ikkuntatjat is-Sur Victor Agius biex jgħidilna dwar il-disinn tal-*flyer.*

   Is-Sindku semma ukoll li bħal kull sena għandha issir l-ikla tal-Milied mal-ħaddiema tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li din issir f'data li għandha tiġi ikommunikata aktar il-quddiem.

   Is-Sindku semma ukoll li bħal kull sena għandhom isiru ir-riċeviment lill-anzjani u ieħor wara il-kunċert tal-Milied fejn jiġu mistidna ukoll ir-residenti barranin tax-Xagħra. Il-Kunsill qabel ma dan u ġie deċiz ukoll li bħal ma jsir kull sena tingħata tifkira tal-Milied li kull anzjan li jattendi iċ-ċentru.

5. Is-Sindku informa lill-Kunsill li is-Sibt 17 ta' Novembru saret il-laqgħa mal-organiżżaturi tal-Karnival fix-Xagħra. Waqt il-laqgħa ġie deċiz li għandu jinsab *band* u compere u li għandhom jiġu ikkuntatjati dawk il-persuni li jixtiequ ikunu parti mil-kumitat tal-Karnival. Huwa semma li għandha isir laqgħa oħra nhar is-Sibt 15 ta' Diċembru fit-3.00pm fl-uffiċċju amministrattiv.

6. Is-Sindku semma li r-recording ta' Xarabank rega ġie immexxi għal Jannar għaliex l-organizzaturi ma setgħux jagħmluha aktar kmieni.

7. Is-Sindku semma ukoll li il-konferenza internazzjonali li il-Kunsill ser jorganizza dwar l-immigrazzjoni ser issir f'Marzu 2013, huwa stieden lill-Kunsillier Victor Zammit biex jagħti rendikont ta x' hemm bżonn isir. Il-Kunsillier Vicor Zammit semma li din il-konferenza għandha it-tema ta' *2nd Generation Immigration* u għandhom jinstabu kelliema dwar dan is-suġġett. Il-Kunsillier Dr Christian Zammit semma li għandna inkellmu lil Jesuit Refuge Center jekk jistgħux jibgħatu lill xi ħadd biex jagħmel prezentazzjoni. Is-Sindku informa lill-Kunsill li Dr Samuel Azzopardi kien qiegħed jaħdem fuq xi studju li jittratta propju dwar

dan is-suġġett. Il-Kunsillier Dr Christian Zammit offra li ikellem lil Nicoletta Mestieri biex tagħtina aktar dettalji dwar x'għandu isir. Il-konferenza għandha issir bejn it-18 u l-21 ta' Marzu 2013 u għandha tilqa madwar 30 persuna.

8. Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Ministeru għal Għawdex kien qiegħed jnaddaf it-Triq ta Wied l-Għejun u f'daqqa waħda dawn waqfu. Is-Sindku ipprova jsir jaf għalfejn waqfu, iżda ħadd ma rid jagħtiħ risposta. Is-Sindku għalhekk issuġġerixxa li il-Kunsill għandu jikteb ittra lill-Ministru għal Għawdex fejn jitlob ir-raġuni għalfejn waqaf dan ix-xogħol tant siewi għan nies tax-Xagħra u ta Għawdex.

9. Is-Sindku informa lill-Kunsill li ix-xogħol ta' Triq Marsalforn issa wasal biex jibda. Huwa qal li l-ewwel parti ta' dan il-proġett ser tkun minn fejn il-ħanut Kaiser Store sa ħdejn ir-residenza 50, Triq Marsalforn.

**Qari tal-Korrispondenza u lmenti mir-residenti**

1) Irċevenjna email mingħand is-Surmast John Galea fejn jagħti stima tal-Kunċert tal-Milied 2012 li ser jorganizza il-Kunsill. Il-Kunsill qabel li tigi aċċettata l-istima.

2) Stima mingħand Aaron Zammit, ta' Banner għal Presepju Haj li ser jiġi organizzat minn The Guiding Light. Il-Kunsill qabel li tigi aċċettata l-istima.

3) Stima mingħand Refalo Signs għat tabella tal-faċċata tal-playing field. Il-Kunsill ideċċida li għandna inġibu tlett stimi oħra mingħand Mr. Signs, Gozo Creations u Keen Advertising.

4) Ittra mingħand Darlene Inguanez, Assistent Segretarju Privat, mill-Ministeru Għal Għawdex fejn tinforma lill-Kunsill li il-Ministru Debono aċċettat it-talba tal-Kunsill biex il-Ministeru Għal Għawdex ikun wieħed mill-isponsors tal-kunċert tal-Milied u ser jingħata sponsorship ta' €500. Il-Kunsill innota il-kontenut.

5) *Email* mingħand Jeanne Borg għad-Direttur, Gvern Lokali fejn tibgħat avviz mingħand ic-Chairman tal-Malta Libraries' Council dwar il-*Libraries' Day* li ser tkun nhar l-Erbgħa 5 ta' Diċembru 2012. Huwa jitlob li il-librerja tibqa miftuħa aktar tard dak inhar u li issir xi attivita li għandha x'taqsam mal-librerja. Il-Kunsill qabel li għandu jiġi ikkuntatjat is-Sur Trevor Zahra sabiex f'Jum ix-Xagħra jiġi jqatta ftit ħin fil-librerija.

   Barra minn hekk il-Kunsillier Dr Kevin Cutajar qal li nistgħu ngħidu lil Ġorg Cremona biex jagħmel *reenactment* tal-ktieb Il-fenek l-aħmar. Il-Kunsill qabel li nikkuntatjaw lis-Sur Cremona dwar dan.

6) Ittra mingħand Fr. Charles Fenech O.P., Direttur Ġenerali, Moviment Kerygma fejn jinforma lill-Kunsill li ser tiġi organizzata l-'Premju Żagħżugħ tas-Sena' huwa jitlob lill-Kunsill biex jinnomina xi żagħżugħ jew żgħażugħa għal dan il-premju. Il-Kunsill qabel li għandu jinħareġ avviz.

7) *Email* mingħand Simone Mizzi, minn Din l-Art Ħelwa fejn tinforma lill-Kunsill li ser isir l-*Autumn Fund Raising Dinner and Recital*. Hi tistiden lill-Kunsilliera biex jattendu. Il-Kunsill innota il-kontenut.

8) *Email* mingħand Letizia Buttigieg, *Social Marketing and Communications Executive* tal-*Foundation for Social Welfare Services* fejn tinforma lill-Kunsill li Aġenzija Appoġġ ser torganizza korsijiet tat-taħriġ għal *foster carers* prospettivi. Min irrid jista' jidħol fuq il website www.appogg.gov.mt jew jikkuntatja lil Agenzija Appoġġ. Il-Kunsill innota il-kontenut.

9) *Email* mingħand Raymond Balzan, Segretarju tal-Kampanja Milied Hieni, fejn jinforma lill-Kunsill li ser issir attivita li tinkludi, fost l-oħrajn, kant ta *Christmas Carols* u tqassim ta ġugarelli fil-*wards* tat-tfal min *Father Christmas.* Il-Kunsill innota il-kontenut.

10) Ittra mingħand Sr Michela Calleja f'isem il-kor 'Santa Klara t'Assisi' fejn tinforma lill-Kunsill li ser tagħmel set ta CDs bil-kant tal-Kor bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li dan isir bi spiża sa massimu ta' €350.

11) *Email m*ingħand Martin Morana fejn jinforma lill-Kunsill li l-ktieb *Ara x'int tgħid ħ*areġ u qiegħed fil-ħwienet. Il-Kunsill qabel li nixtru kopja għal-librerija.

12) *I*ttra mingħand Jane Bower, Segretarja ta' SPCA Gozo fejn tinforma lill-Kunsill bir-regulamenti ġodda dwar il-klieb mitluqin fit-toroq. Meta jinstab xi kelb dan għandu jittieħed l-għassa tal-lokalita, jiġi *scanned* u bil-*microchip* isir magħruf is-sid. Il-Kunsill innota il-kontenut.

13) MEMO 43/2012 mingħand Carmel Abela, Direttur tad-Dipartiment Gvern Lokali li titratta dwar Konferenza Nazzjonali: Mobilita Sostenibbli f'Malta – Riċerka dwar it-Transport Fil-Prattika fejn ser ikun hemm kelliema li jippreżentaw ix-xogħol tagħhom fil-qasam tat-transport. Din il-konferenza ser issir fit-30 ta' Novembru 2012 u min jixtieq jirregistra il-ħlas huwa ta €30. Il-Kunsill innota il-kontenut.

14) *Email* mingħand Martin Morana fejn jinforma lill-Kunsill bil-proposta tas-Sinjura Giorgia Bueno li ser tagħmel proġett dwar l-ikel Taljan għal attivitajiet fl-2013. Jekk il-Kunsill irrid jikkuntatja lis-Sinjura Bueno jista jagħmel dan permess ta Email. Il-Kunsill innota il-kontenut.

15) *Email* mingħand Jessica Schembri, Assistant Services Officer, KNPD fejn tinforma lill-Kunsill li ser ikun hemm il-Konferenza Nazzjonali fit-3 ta' Diċembru li ser tiftaħ il-gimgħa nazzjonali tad-dizabilita'. Min jixtieq jattendi għandu jimla il-formula sa mhux aktar tard minn 26 ta' Novembru. Il-Kunsill innota il-kontenut.

16) *Email* mingħand Anthony Cardona, Segretarju Privat, Ministeru Għat-Turiżmu, Il-Kultura u L-Ambjent fejn jinforma lill-Kunsill li m'hemmx fondi biex tintlaqa' it-talba tal-Kunsill. Il-Kunsill innota il-kontenut.

17) *Email* mingħand l-AKL fejn tinforma lill-Kunsill li ser ikun hemm sessjoni annwali ta'informazzjoni fuq *public procurement*. Din il-laqgħa ser issir nhar il-Ħamis 6 ta Diċembru. Il-Kunsill innota il-kontenut.

18) MEMO 44/2012 mingħand Carmel Abela, Direttur tad-Dipartiment Gvern Lokali li titratta dwar Laqgħa ta' Konsultazzjoni dwar it-Traspożizzjoni tad-Direttiva 2012/19/UE dwar Skart ta' Tagħmir Elettriku u Elettroniku. Hu jinforma lill-Kunsill li ser issir laqgħa nhar it-Tnejn, 26 ta' Novembru 2012 f' Dar l-Ewropa 254, Triq San Pawl Valletta. Min jixtieq jattendi għandu jagħmel dan sat-23 ta Novembru. Il-Kunsill innota il-kontenut.

19) *Email* mingħand James Licari mill-ICOMOS Malta fejn jagħti il-program tal-ICOMOS seminar li fih is-Sindku għandu jipprezenta *paper* dwar it-Tempji tal-Ġgantija. Il-Kunsill innota il-kontenut.

20) *E-mail* mingħand is-Sinjura Charlene Mercieca Magro, Data Analyst ta GreenPak Coop Society Ltd, fejn tibgħat rapport dwar il-miri tar-*recyclable waste*. Hija tinfurma lill-kunsill li ix-Xagħra laħqet 25% tat-*target* u li qedgħin fil 21 post minn 31 Kunsill. Hija tgħid li hemm bzonn aktar sforż biex jintlaħqu il-miri u tagħti xi rakkamandazzjonijiet dwar kif dan għandu jsir. Il-Kunsill qabel li għandha issir attivita f'jum ir-riċiklaġġ. Għandna nikkuntatjaw il-GreenPak fuq x'attivita nistgħu nagħmlu.

21) *Email* mingħand Stiliana Todorova, International Relations Department Officer, ETN managment fejn tinforma lill-Kunsill li id-*deadline* għal proġetti tal-mobilita taħt Leonardo da Vinci hi 1 ta' Frar 2013 u dawk taħt l-Erasmus hi 8 ta' Marzu. Hija tinforma lill-Kunsill illi fil-każ li il-Kunsill ikun qiegħed jagħmel xi proġett hi ser tkun tista' tibgħat Letter of Intent biex hi tippartecipa bħala *partner*. Il-Kunsill innota il-kontenut.

22) *Email* mingħand Tony Bajada, Assistant Principal, WasteServ Malta fejn jinforma lill-Kunsill li il-WasteServ qiegħed iniedi *website* ġdida biex tippromovi il-kunċett ta *re-use*. Huwa jitlob lill-Kunsill biex jinforma lil dawk ir-residenti li

jibbukjaw *bulky refuse* biex jagħmlu użu minn din il-*website.* Il-Kunsill innota il-kontenut.

23) *Email* mingħand Andrea Zammit, studenta Universitarja fejn tinforma lill-Kunsill li qed tagħmel studju dwar *digital exclusion* tal-anzjani fis-soċjeta. Għalhekk hi titlob lill-Kunsill għall-għajnuna biex tkun tista tagħmel xi intervisti lil xi anzjani fix-Xagħra. Il-Kunsill qabel li tista tagħmel l-intervisti lil dawk l-anzjani li jaċċettaw.

24) Ittra mingħand Rosie Buttigieg, fejn tinforma lill-Kunsill li hi għalliema tal-Ingliz u toffri is-servizzi tagħha għal-korsijiet bl-Ingliz. Hi bagħtet ukoll ir-*resume* tagħha u tinforma lill-Kunsill biex jikkuntatjha jekk hemm bzonn aktar informazzjoni. Il-Kunsill innota il-kontenut. Barra minn hekk il-Kunsill qabel li għandhom isiru ukoll korsijiet tal-Malti għar-residenti barranin fix-Xagħra.

25) MEMO 45/2012 mingħand Carmel Abela, Direttur tad-Dipartiment Gvern Lokali li titratta dwar Skema Ta'Finanzjament Ta'Inizjattivi Speċjali 2013, fejn jinforma lill-Kunsill li il-Gvern qiegħed iniedi din l-iskema li tagħti fondi li jammontaw għal nofs l-ammont tal-valur stmat li ma jkunx jaqbeż € 15,000. Ser jiġu magħzula l-aħjar seba' proġetti. Il-Kunsill qabel li għanda nikklarifikaw jekk din tkopprix dawk l-inzjattivi li diga saru jew hux dawk li ser isiru fil-futur.

26) *Email* mingħand Louis Bajada, f'isem il-Parroċċa tax-Xagħra fejn jinforma lill-Kunsill li ser tiġi organizzata *Fund Raising Activity* b'risq il-*Community Chest Fund* nhar il-Ħadd 16 ta' Diċembru 2012. Din l-attivita ser tkun tikkonsisti f' tlielaq tar-roti madwar ix-Xagħra. Huwa jitlob il-permessi neċessarji minn naħħa tal-Kunsill kif ukoll *clearance* u *no parking* fil-Pjazza u fir-rotta. Il-Kunsill ideċċida li jilqa din it-talba.

27) *Email* mingħand Joe Xerri, Kap tal-Iskola Xagħra, fejn b'reċiproċita tal-użu tas-sala tal-iskola qiegħed jitlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill fuq il-pubblikazzjoni ta' fuljett li jsir mill-iskola. Il-Kunsill qabel ma dan.

28) MEMO 46/2012 mingħand Carmel Abela, Direttur tad-Dipartiment Gvern Lokali li titratta dwar Kunsill tal-Ewropa – *Social Cohesion Action Plan* u *Spiral Methodology* – Preżentazzjoni u Taħriġ, fejn jinforma lill-Kunsill li il-Kunsill tal-Ewropa qiegħed joffri jumejn ta' taħriġ fuq il-Metodoliġija *SPIRAL.* Id-dati ta dan it-taħriġ huma it-Tnejn 3 u t-Tlieta, 4 ta' Diċembru 2012 fid-*Dolmen Resort Hotel,* il-Qawra. Minn jixtieq jattendi għandu jaghmel dan sal-Ġimgħa, 30 ta' Novembru. Il-Kunsill ideċċida li għandu jattendi il-Kunsillier Dr Victor Zammit.

29) *Email* mingħand il-Kunsillier Dr Joseph Attard fejn jitlob il-*quarterly reports* u il-*budget* tal-Kunsill għas-sena 2012. Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-*Accounts*

qedgħin fil-proċess li jiġu rikonċiljati u xħin ikun lesti ikollna il-*financial statements up-to-date.*

30) *Email* mingħand l-AKL fejn tinforma lill-Kunsill li ser jsir l-ewwel seminar tal-ECVET Experts fil-Golden Tulip Vivaldi Hotel, San Giljan, nhar l-Erbgħa 5 ta' Diċembru fid-8:45am. Min irrid jista' japplika. Il-Kunsill innota il-kontenut.

**Ilmenti**

1) Talba mill-bdiewa sabiex jitranġa ħajt tal-kantun imwaqqa' fl-inħawi tal-Fellies. Il-bdiewa qed jitolbu biss il-materjal għax ix-xogħol ser jagħmluh huma. Il-Kunsill qabel li għandu jingħata l-materjal biex isir ix-xogħol.

2) Talba mingħand Carmel Portelli ta' Triq Jannar sabiex issir estensjoni tas-sinjali sofor li hemm mad-dar tal-aħwa Said fl-istess triq. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal dan u ser nitolbu l-approvazzjoni ta' Transport Malta.

3) Talba mingħand Agnes Mizzi ta' Triq Marsalforn sabiex isir siment ħdejn il-ħajt li tielgħa fi Triq Marsalforn u titnaddaf it-triq mill-ħmieġ. Il-Kunsill qabel li x-xogħol tas-siment isir filwaqt li tinġibed l-attenzjoni tal-kennies ta' Triq Marsalforn dwar is-sitwazzjoni tal-ħmieġ fl-aħħar parti ta' l-istess triq.

4) Talba mingħand Michael Spiteri ta' Triq Għajn Ħosna sabiex isir patching ħdejn il-kamra tad-drenaġġ fl-istess triq u biex jinbena ħajt imwaqqa' fl-inħawi. Il-Kunsill qabel li x-xogħol isir.

5) Talba mingħand Victor Bajada ta' Triq Marija Bambina sabiex jingħata s-siment f'passaġġ pubbliku żgħir li hemm fl-inħawi ta' Għajn Xejba. Il-Kunsill qabel li x-xogħol isir.

6) Talba mingħand Victor Curmi ta' 24, Triq Dun Vinċenz Cauchi, sabiex titranġa r-rampa u l-bankina tar-residenza tiegħu. Il-Kunsill qabel li x-xogħol isir.

7) Talba mingħand Anthony Hili ta' 18, Triq l-Għejun, sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar faċċata tal-garaxx tar-residenza tiegħu għax qed ikun hemm ipparkjar ħażin f'din il-parti tat-triq u hu qed ikollu diffikulta' kbira biex joħroġ il-vettura mir-residenza tiegħu. Il-Kunsill qabel li għandna nitolbu l-approvazzjoni ta' Transport Malta.

8) Ilment mis-Sindku Joe Cordina dwar ħajt perikoluż imwaqqa' fi Triq it-Tafla. Dan il-ħajt waqa' bil-maltemp. Il-Kunsill qabel għandna ninfurmaw lil-Ministeru għal Għawdex biex jerġgħu jibnuh mill-ġdid.

9) Talba mingħand Josef Refalo ta' 15, 'Zernieq', Triq Gajdoru, sabiex il-parti tat-triq fejn joqgħod hu tissemma 'Triq il-Qasam ta' Dun Anton' u mhux 'Triq Gajdoru' peress li qed ikun hemm diffikulta' biex jinstabu n-nies li joqogħdu

f'dik iż-żona. Il-Kunsill iddeċieda li, dwar dan il-każ, għandna nitolbu lill-Kumitat Tismija tat-Toroq sabiex isir eżerċizzju ta' *re-numbering* tar-residenzi kollha fi Triq Gajdoru bħala waħda mill-proposti biex tiġi riżolta din il-problema.

10) Talba mingħand Mark Spiteri ta' 11, Triq Mikelanġ Pace, sabiex il-Kunsill Lokali tax-Xagħra jibgħat ittra lir-residenti kollha ta' Triq Mikelanġ Pace u Triq George Mc Adam minħabba l-ammont kbir ta' klieb li qed jitħallew jiġġerrew barra u jħammġu t-triq. Il-Kunsill qabel li għandha tintbagħat ittra lir-residenti kollha tax-Xagħra bir-regolamenti għaż-żamma tal-indafa fil-lokalita' tagħna, l-aktar f'dak li jirrigwarda l-ħmieġ tal-klieb u l-ħruq ta' materjal u oġġetti oħra fil-beraħ.

11) Talba mingħand Marlene Bartolo ta' 101, 'Marion', Triq Franġisk Camilleri, sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar fil-kantuniera bejn Triq Bambina u Vjal it-8 ta' Settembru. Dan peress li qed isir ipparkjar ħażin f'din il-parti tat-triq b'detriment għas-sewwieqa. Il-Kunsill innota li diġa' teżisti regolamentazzjoni tat-traffiku li tesiġi li ma jsirx ipparkjar ta' vetturi sa ħames metri minn kantuniera u għaldaqstant iddeċieda li ma hemmx bżonn isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar f'din it-triq.

12) Talba mingħand is-Sur Eucaristico Theuma ta' 'Kristu Re', Triq il-Kumittiva, sabiex isir culvert żgħir tal-ilma fil-bidu tat-triq li mix-Xagħra tagħti għar-Rabat (fl-inħawi tal-Knisja Ta' Ħamet) peress li qed jinġabar ħafna ilma fl-inħawi. Peress li din it-triq arterjali taqa' taħt ir-responsabilita' tal-Ministeru għal Għawdex, il-Kunsill qabel li għandha tintbagħat ittra lill-Ministeru dwar dan.

**Aprovazzjoni tal-Pagementi**

Il-Kunsill approva unanimament il-pagamenti annessi mal-minuti. Il-kunsilliera Dr Joseph Attard, Dr Kevin Cutajar u is-Sinjorina Maria Grima approvaw il-pagamenti wara li is-Sindku ta' l-assigurazzjoni li il-finanzi tal-Kunsill jippermentu il-ħlas ta dawn il-pagamenti.

**Data għall-Laqgħa Oħra**

Il-laqgħa spiċċat fil-9.30 p.m. Il-Kunsill iddeċieda li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 18 ta' Diċembru 2012 fil-5.30pm. Għal din il-laqgħa għandhom jiġu mistidna jattendu il-ħaddiema li qegħdin joffru servizz ta' knis fix-Xagħra.

**Joseph Cordina**
**Sindku**

**Mark Formosa**
**Segretarju Eżekuttiv**